# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 22 ta' Ġunju, 2022.**

**Numru 39**

**Rikors numru 506/20/1 GM**

**Andrew Glover u Ramon Brincat**

**v.**

**Lino Callus f'ismu personali u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta` Vintage Conversions Limited (C 16822)**

1. L-atturi premettew li huma kienu nkarigaw lill-konvenut sabiex jagħmel xogħol ta' appalt fir-residenza tagħhom, għal liema xogħol jgħidu li huma kienu ħallsu diversi ammonti. Skont l-atturi, il-konvenut qatt ma tahom irċevuti fiskali jew rendikont tal-ispejjeż li qal li għamel bħala parti mix-xogħlijiet fil-fond proprjeta` tagħhom. L-atturi jgħidu wkoll li x-xogħol mill-konvenut u l-ħaddiema mqabbda minnu ma sarx skont is-sengħa u l-arti, tant li huma sofrew u għadhom qed isofru danni.

2. F’dawn il-proċeduri huma talbu għalhekk lill-ewwel Qorti sabiex:

> “1. Tordna lil konvenut jagħti rendikont tal-użu li għamel mill-flus imħallsa lilu mill-atturi u jipprovdi l-irċevuti fiskali relattivi;
>
> 2. Tiddikjara u tiddeċiedi li ix-xogħol li saru mill-konvenut u minn ħaddiema inkarigati minnu ma sarux skond is-sengħa u l-arti.
>
> 3. Tiddikjara li l-esponenti sofrew danni bħala konsegwenza li l-appalt mogħti lil konvenut ma ġiex eżegwit skond is-sengħa u l-arti;
>
> 4. Tillikwida okkorrendo permezz ta’ periti nominandi id-danni hekk sofferti mill-atturi;
>
> 5. Tikkundanna lil konvenut iħallas lill-atturi is-somma hekk likwidata skond ir-raba’ talba;
>
> 6. Tiddikjara lil konvenut irċieva pagamenti mingħand l-atturi in eċċess ta’ dak attwalment dovut lilu;
>
> 7. Tikkundanna lil konvenut jirrifondi lura lill-atturi tali flejjes imħallsa in eċċess lilu;”

3. Il-konvenuti eċċepew, *inter alia,* li Lino Callus għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, li mhuwiex minnu li s-soċjeta` konvenuta qatt ma ħarġet riċevuti fiskali u li qatt ma tat rendikont tal-ispejjeż, li x-xogħol kollu sar sew, li x-xogħlijiet imsemmija fir-rapport tal-Perit Ian Turban ma kinux jaqgħu taħt ir-responsabbilita` tas-soċjeta` konvenuta, li l-atturi għandhom jippruvaw id-danni allegatament sofferti minnhom u kif dawn huma mputabbli lill-konvenut, u li għad hemm bilanċ pendenti favur is-soċjeta` konvenuta.

4. Is-soċjeta` konvenuta preżentat ukoll kontro-talba permezz ta’ liema qed titlob mingħand l-atturi l-ħlas ta’ €20,065.77, rappreżentanti l-bilanċ dovut għax-xogħlijiet imwettqa minnha fuq inkarigu tal-atturi fil-fond imsemmi.

5. Fit-3 ta' Jannar 2022 il-konvenuti preżentaw rikors quddiem l-ewwel Qorti permezz ta' liema talbu li jiġi kjamat in kawża Albert Vella. Il-konvenuti premettew li mill-provi preżentati fil-mori tal-kawża rriżulta li parti kbira mix-xogħlijiet li l-atturi qed jilmentaw dwarhom huma xogħlijiet konnessi mad-dawl u l-ilma, liema xogħlijiet ġew esegwiti mill-imsemmi Albert Vella li kien ġie nkarigat direttament mill-atturi.

6. Waqt is-seduta tat-18 ta' Jannar 2022 l-atturi, *tramite*` l-avukat difensur tagħhom, opponew għat-talba tal-konvenut li jiġi kjamat in kawża Albert Vella, "u dan fid-dawl tal-fatt li l-istess Albert Vella kien inkarigat mill-konvenuti....Jekk il-konvenut jħossu li għandhom xi dritt kontra terzi, kellhom u għad għandhom l-opportunita` li jistitwixxu proċeduri opportuni iżda ċertament m'għandhomx jabbużaw mill-istitut tal-kjamat in kawża, tenut kont li din it-talba qed issir fl-udjenza li ġiet skedata għall-għeluq tal-provi tal-konvenut stess."

7. Bid-digriet tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili mogħti waqt is-seduta tat-18 ta' Jannar 2022 ġie deċiż hekk:

> "Il-Qorti, għar-raġunijiet mogħtija fir-risposta, kif ukoll fl-interess tal-ġustizzja, biex din il-kawża ma titwalx iżżejjed.
>
> Il-Qorti billi r-rikors għall-kjamar in kawża qiegħed jitqajjem fl-istadju tal-għeluq tal-provi tal-konvenuti;
>
> Tiċħad it-talba."

8. Il-konvenuti preżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom mid-digriet imsemmi fil-21 ta' Jannar 2022, permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka d-digriet appellat u tgħaddi sabiex tilqa' t-talba tagħhom kif dedotta fir-rikors tat-3 ta' Jannar 2022, bl-ispejjeż kontra l-atturi.

9. L-atturi preżentaw ir-risposta tal-appell tagħhom fis-7 ta' Marzu 2022 permezz ta' liema ssottomettew li d-digriet appellat għandu jiġi kkonfermat u t-talba tal-konvenuti appellanti għandha tiġi miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-istess appellanti.

**Ikkonsidrat:**

10. Il-konvenuti jargumentaw li x-xogħlijiet li s-soċjeta` konvenuta ġiet inkarigata biex tagħmel mill-atturi huma dawk elenkati fiż-żewġ kwotazzjonijiet maħruġa mis-soċjeta` konvenuta fl-20 ta' Lulju 2017 u fis-17 ta' Novembru 2017, kif ukoll l-*extra works* li jifformaw il-mertu tal-kontro-talba tas-soċjeta` konvenuta, u x-xogħlijiet ta' elettriku u *plumbing* ma kinux parti mill-inkarigu. Isostnu li l-istima tax-xogħlijiet ta' elettriku u *plumbing* kienet ġiet sempliċiment mgħoddija minnhom lill-atturi wara li din kienet ġiet mibgħuta lilhom minn Albert Vella, peress li Vella kien jafhom minn proġetti preċedenti tant li kienu huma li kienu qalu lill-atturi b'Albert Vella. Iżidu li fil-fatt mix-xhieda ta' Vella jirriżulta li peress li huwa ma tħallasx għax-xogħol li għamel, huwa kien bagħat ittra lill-atturi sabiex jinterpellahom biex iħallsuh, ittra li kieku kienet tiġi mibgħuta lill-

konvenuti kieku kien minnu li kienu huma li kienu qabbdu lil Albert Vella. Jgħidu li huma preżentaw ir-rikors għas-sejħa fil-kawża ta' Albert Vella wara li kienu saru biss żewġ seduti fejn kellhom l-opportunita` li jressqu l-provi tagħhom u s-seduta tat-18 ta' Jannar 2021 kienet tħalliet għall-għeluq tal-provi fuq ordni tal-Qorti u mhux fuq talba tagħhom. Jargumentaw li ż-żmien huwa biss wieħed mill-elementi li jeħtieġ li jitqiesu sabiex verament issir ġustizzja, u s-sejħa fil-kawża ta' terza persuna li jkollha nteress fil-proċedura hija essenzjali kemm għall-integrita` tal-ġudizzju u kif ukoll biex il-Qorti jkollha stampa sħiħa u tkun f'pożizzjoni superjuri biex tgħaddi għall-ġudizzju finali tagħha. Iżidu li skont il-liġi s-sejħa ta' terz f'kawża tista' ssir f'kull waqt tal-kawża qabel is-sentenza.

11. L-atturi jirribattu li huma kienu nkarigaw unikament lil Lino Callus u l-kumpanija tiegħu Vintage Conversions Limited biex jieħdu ħsieb ix-xogħlijiet kollha li kellhom isiru fil-proprjeta` tagħhom, u dan jinsab ikkonfermat ukoll mill-iskeda ta' pagamenti li turi li l-maġġoranza assoluta tal-pagamenti saru direttament lil Lino Callus u dan fuq talba espressa tiegħu. Jgħidu li mill-provi jirriżulta li huma dejjem kienu f'kuntatt ma' Lino Callus, u li kien Lino Callus li qabbad lil Albert Vella biex jagħmel xogħol fil-proprjeta` tagħhom, kif jidher b'mod ċar mill-korrispondenza elettronika li ġiet esebita` flimkien mal-affidavit ta' Andrew Glover u mmarkata bħala Dok. H. Jargumentaw li inoltre, il-konvenuti kienu ilhom konoxxenti tat-talbiet attriċi sa minn meta ġiet intavolata l-kawża u kellhom kull opportunita` li jibdew il-proċeduri kontemplati fl-Artikolu 961 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex tissejjaħ fil-kawża terza persuna, u

minkejja dan stennew sal-aħħar minuta sabiex jagħmlu din it-talba. Iżidu li jekk hemm xi diżgwid bejn il-konvenuti u Albert Vella din hija kwistjoni separata li tirrigwarda lilhom biss u l-atturi m'għandhom l-ebda nteress f'tali kwistjonijiet.

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

12. Dan huwa appell minn digriet permezz ta' liema l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-konvenuti sabiex jiġi kjamat in kawża Albert Vella. Bejn il-kontendenti hemm nuqqas ta' qbil dwar ir-relazzjoni ġuridika bejn l-atturi u Albert Vella, u r-responsabilita` *o meno* ta' Albert Vella fir-rigward tal-pretensjonijiet tal-atturi. Il-konvenuti jikkontendu li x-xogħlijiet ta' dawl u ilma li saru fil-proprjeta` tal-atturi saru minn Albert Vella fuq inkarigu tal-atturi u li dawn ix-xogħlijiet ma kinux jifformaw parti mill-appalt li kien ingħata lill-konvenuti jew min minnhom mill-atturi. Min-naħa l-oħra l-atturi jikkontendu li huma għandhom biss relazzjoni ġuridika mal-konvenuti għaliex kienu l-konvenuti li qabbdu lil Albert Vella biex jagħmel ix-xogħlijiet imsemmijin fil-proprjeta` tagħhom, u allura huma l-konvenuti li għandhom jirrispondu għall-pretensjonijiet tagħhom. L-atturi jopponu għall-kjamata in kawża ta' Albert Vella wkoll għaliex jgħidu li saret fi stadju wisq avvanzat tal-proċeduri, minkejja li l-konvenuti kienu jafu li parti mill-pretensjoni tagħhom kienet titratta allegazzjonijiet dwar danni kkawżati mix-xogħlijiet li saru ta' dawl u ilma sa mill-bidu tal-kawża. Jidher li fil-fatt din kienet ir-raġuni ewlenija għaċ-ċaħda tat-talba tal-atturi mill-ewwel Qorti, għaliex ir-rikors ġie preżentat fl-istadju tal-għeluq tal-provi tal-konvenuti.

13. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-fatt li t-talba għall-kjamata in kawża ta' Albert Vella saret fi stadju avvanzat tal-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti ma jistax awtomatikament iwassal għaċ-ċaħda tal-istess talba. Dan għaliex il-liġi stess tipprovdi li s-sejħa fil-kawża ta' terza persuna tista' ssir f'kull waqt qabel is-sentenza. Il-Qorti tosserva li l-provi tal-atturi ġew magħluqa fis-6 ta' Settembru 2021 u l-provi tal-konvenuti bdew jitressqu fl-20 ta' Settembru 2021. Fit-23 ta' Novembru 2021 l-ewwel Qorti ħalliet il-kawża għall-għeluq tal-provi tal-konvenuti. Il-Qorti tosserva pero` li bejn l-20 ta' Settembru 2021 u t-23 ta' Novembru 2021 kienet ġiet iffissata seduta waħda biss għall-provi tal-konvenuti, liema seduta kienet ġiet ikkanċellata fuq talba tad-difensuri tal-konvenuti. Għalhekk, għalkemm għal xi raġuni li ma tirriżultax mill-verbal tat-23 ta' Novembru 2021, l-ewwel Qorti ħalliet il-kawża għall-għeluq tal-provi tal-konvenuti, fir-realta` l-konvenuti kienu għadhom kif bdew iressqu l-provi tagħhom, u kien ser ikollhom massimu ta' żewġ seduti oħra biex jagħlqu l-provi. Għaldaqstant din il-Qorti ma tqisx li sa dan l-istadju tirriżulta xi negliġenza min-naħa tal-konvenuti fil-preżentata tal-każ tagħhom li wassal għal demwien irraġonevoli fil-kawża u li jista' b'xi mod jiġġustifika ċ-ċaħda tal-kjamata in kawża ta' Albert Vella minħabba l-istadju li fih saret.

14. Il-Qorti tosserva li hi x'inhi r-relazzjoni ġuridika ta' bejn l-atturi u Albert Vella, il-preżenza tiegħu fil-kawża hija fl-interess taż-żewġ partijiet u għalhekk ċertament meħtieġa għall-finijiet ta' integrita` tal-ġudizzju. L-ewwel nett, skont il-ġurisprudenza kemm l-appaltatur u kif ukoll is-sub-appaltatur huma

responsabbli li jagħtu lill-appaltant opera sodisfaċenti[1] u għalhekk ma jistax jiġi *prima facie* eskluż li Albert Vella jista' jirrispondi għall-pretensjonijiet attriċi rrispettivament mill-kwistjoni ta' min inkarigah biex jagħmel ix-xogħlijiet ta' dawl u ilma.

15. Inoltre, anke jekk kellu jiġi aċċettat li Albert Vella ma jirrispondix għall-pretensjonijiet attriċi, dan ma jfissirx li m'hemm l-ebda utilita` li jiġi kjamat fil-kawża. Dan għaliex, kif ġie spjegat fis-sentenza fl-ismijiet **Agent Accountant General v. George Xuereb noe** (Appell, 15/03/1991):

> "Il-kjamata in kawza ghandha fost ohrajn il-funzjoni li tkun prezenti t-terza persuna interessata fil-vertenza mhux direttament ma' l-atturi izda mal-konvenut in kwantu dan ta' l-ahhar jista' jdur fuq is-sub-appaltatur ghal kull dannu li jista' jsofri ghaliex ikun dan li fil-konfront tieghu jrid jirrispondi. Il-presenza tas-sub-appaltatur ghalhekk hija utili ghaliex telimina l-possibilita` ta' kumplikazzjonijiet fir-rigward tal-problemi konnessi mal-ezekuzzjoni tax-xoghol – kemm ghaliex il-provi essenzjalment jirrigwardaw l-operat tas-sub-appaltatur li ezegwixxa x-xoghol, u kemm ghaliex dan tal-ahhar ma jkunx, 'il quddiem, jista' jillamenta mal-konvenut li dan ma avanzax difiza valida u efficjenti fil-konfront tal-atturi – b'hekk gie bata huwa."

16. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis li t-talba għall-kjamata in kawża ta' Albert Vella hija ġustifikata u għaldaqstant l-appell tal-konvenuti qiegħed jiġi milqugħ.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-konvenuti, tirrevoka d-digriet tal-ewwel Qorti tat-18 ta' Jannar 2022, u tibgħat l-atti lura lill-

[1] Ara per eżempju: **Antonio Pisani v. Carmelo Debattista** (PA, 08/05/1958).

ewwel Qorti sabiex tiġi ordnata l-kjamata in kawża ta' Albert Vella kif mitlub mill-konvenuti.

L-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu mill-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm